MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2005

Numru. 616/2003

**PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND BORG**
**VS**
**STEFAN DESIRA**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Stefan Desira ta’ 21 sena, bin missier mhux maghur u Mary nee Desira, imwieled Pieta fit-3 ta’ Gunju 1982 u li joqghod fil-fond Flat 2, Blk 2, Triq B’Bugia, Hal Tarxien u detentur tal-karta tal-identita numru 321082M tali nhar is-26 ta’ Lulju 2003 u fil-granet u fix-xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin, f’hinijiet differenti fil-gzejjer maltin, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u liema atti gew maghmula b’risoluzzjoni wahda u dana bi ksur ta’ l-art 18 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli nhar is-26 ta' Lulju 2003, mill-Gallarija supermarket, li jinsab gewwa Zabbar Road, il-Fgura ikkommetta s-serq ta' erba fliexken aftershave tad-ditta AXE Dimension, liema valur ta' l-imsemmija fwejjah ma jecediex il-Lm50, ghad-dannu tal-kumpanija Papillon Caterers u dana bi ksur tal-art 284 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli nhar il-21 ta' Lulju 2003 mill-Gallarija supermarket, li jinsab gewwa Zabbar Road, Fgura ikkommetta s-serq ta' fliexkun whisky tad-ditta Dewar's White Label, liema valur tieghu ma jeccedix il-valur ta' Lm50, ghad-dannu tal-kumpanija Papillon Caterers u dana bi ksur tal-art 284 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli nhar it-23 ta' Lulju 2003 mill-Gallarija supermarket, li jinsab gewwa Zabbar Road, Fgura ikkommetta serq ta' zewg fliexken whisky tad-ditta Johnny Walker Red Label, liema valur taghhom ma jeccedix il-Lm50 ghad-dannu tal-kumpanija Papillon Caterers u dana bi ksur tal-art 284 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli nhar id-19 ta' Lulju 2003, mill-Gallarija Supermarket li jinsab gewwa Zabbar Road, Fgura ikkommetta s-serq ta' fliexkun xorb alkoholiku tad-ditta Bacardi Black, liema valur tieghu ma jeccedix il-Lm50, ghad-dannu tal-kumpanija Papillon Caterers u dana bi ksur ta' l-art 284 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli nhar is-6 ta' Gunju 2003, ghal habta ta' 8am minn Simon minimarket, li jinsab fi Triq Xintill, Hal Tarxien, ikkommetta s-serq ta' zewg fliexken Whiskey tad-ditta Dewar's White Label, liema valur taghhom ma jeccediex il-Lm50 , ghad-dannu ta' Simon Lanzon minn Hal Tarxien u dan bi ksur ta' l-art 284 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli nhar is-6 ta' Gunju 2003, ghal habta ta' 6pm minn Simon minimarket, li jinsab fi Triq Xintill, Hal Tarxien, ikkommetta s-serq ta' fliexkun Whiskey tad-ditta Dewar's White Label, liema valur taghhom ma jeccediex il-Lm50 , ghad-dannu ta' Simon Lanzon minn Hal Tarxien u dan bi ksur ta' l-art 284 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli nhar il-25 ta' Gunju 2003 minn vettura tal-ghamla KIA, mudell Pride, ta' lewn bajdani u bin-numru tar-registrazzjoni GAK 284, li kienet ipparkeggjata fi Triq Rahal Gdid, Hal tArxien, ikkommetta serq ta' mobile phone bil-camera built in ta' l-ghamla Panasonic, liema mobile phone jiswa Lm250, ghad-dannu ta' Omar Farrugia minn Hal Tarxien, liema serq hu kwalifikat bill-valur u bix-xorta ta' haga misruqa u dana bi ksur ta' l-art 267 u 271 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fix-xahar ta' Mejju 2003 mill-Kazin ta' l-Annunzjata Hal Tarxien, ikkommetta serq ta' dugital camera tal-mobile phone ta' l-ghamla Erickson, liema valur taghha ma jeccedix il-Lm100, ghad-dannu ta' Simon Farrugia minn Hal Tarxien, liema serq hu kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa u dana bi ksur ta' l-art 271 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Talli nhar is-6 ta' Lulju 2003 minn vettura tal-ghamla Peugeot, mudell mhux maghruf, ta' lewn hamrani u bin-numru ta' registrazzjoni mhux maghruf, li kienet ipparkeggjata fi Triq Simmonds Tarxien, ikkommetta is-serq ta' stereo tal-karozza ta' l-ghamla Sony, liema stereo jiswa Lm30, ghad-dannu ta' Jamal Al Awad minn Hal Tarxien, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u dana bi ksur ta' l-art 271 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess zminijiet, hin u lok, xjentement laqa jew kellu fil-pussess tieghu oggetti misruqa jew akkwistati b'qerq u dana bi ksur ta' l-art 286 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Talli sar ricediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Malta liema saru definitivi.

Talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema kundizzjonijiet saru definittivi mit-18 ta' Marzu 2003.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' l-kaz;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procesura sommarja.

Rat il-verbal tad-29 ta’ Jannar 2004 fejn l-imputat ammetta l-akkuzi dedotti kontra tieghu.

Rat il-verbal tat-23 ta’ Gunju 2005 fejn il-Qorti wara li tat lill-imputat l-opportunita biex jirripensa ruhu mid-dikjarazzjoni li ghamel, l-imputat ghazel li jirrikonferma l-ammissjoni tieghu..

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet

Ikkunsidrat:-

Illi fil-mori tal-kawza il-Qorti segwiet mill-qrib l-andament tal-imputat fi hdan is-Sedqa fejn tul il-kawza huwa kien qed jaghmel programm ta’ riabilitazzjoni kontra id-droga.

Illi dan il-programm l-imputat irnexxielu jikkompleta il-parti residenzjali kollha u anke jibda ir-re entry, izda kif jidher mix-xhieda ta’ Josette Camilleri, l-imputat qata il-kuntatt mas-Sedqa kompletament f’Mejju tan-2005.

Illi il-lum il-Qorti setghet tara mill-qrib illi l-imputat kien qed jerga jabbuza mid-droga u mid-dehra tal-imputat din il-Qorti qed tibza li kemm il-darba tikkonsidra piena alternattiva minn dik ta’ prigunerija, l-imputat ser jispicca b’xi overdose. .

Illi di piu l-ufficjal prosekutur permezz tal-okkorrenza dok JBX informa lill-Qorti illi l-imputat rega inqabad jisraq u ser jittiehdu passi kriminali kontra tieghu.

Illi huwa evidenti ghaldaqstant illi l-imputat li ammetta ghal sensiela ta’ disa serqiet f’dati differenti li kienu promovati mill-vizzju tieghu tad-droga, mhuwiex kapaci illi jeghleb il-vizzju tad-droga wahdu u li ser jibda fic-cirku vizzjuz ta’ kommissjoni ta’ reati biex imantni il-vizzju tieghu.

Illi ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li qieset l-ammissjoni pjuttost bikrija tal-imputat, il-fedina penali tieghu, u wara li ezaminat Art 18, 261, 263, 264, 284, 279, 280, 267, 271, tikkundannah ghal sentejn prigunerija.

Il-Qorti tirrakomanda lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin illi jdahhal lill-imputat fil-programm SATU mill-aktar fiss possibbli wara li jinghata il-kura immedjata li ghandu bzonn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------